# IL-BIDWI U L-FAMILJA

## FIL-FESTA TA' SAN NIKOLA FIS-6 TA' DIĊEMBRU

Minn Joseph Schembri

Sa ftit tas-snin ilu s-Siġġiwin kienu aktar nies tar-raba' li bil-ħidma għaqlija u bil-għaraq ta' ġbinhom kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom u ta' wliedhom. Dari x-xogħol tar-raba' kien fih tbatija kbira għax ma kienx hawn il-makkinarju li hawn illum. Dak kien żmien ieħor, għax biż-żmien kollox jitbiddel, u l-festi tbiddlu wkoll skond iż-żminijiet. Fejn dari l-festa ta' San Nikola kienet tkun iċċelebrata fix-xitwa nhar is-6 ta' Diċembru, dan iż-żmien qiegħda tkun iċċelebrata fis-Sajf kull l-aħħar Ħadd ta' Ġunju.

Minn xhur qabel il-festa wħud mill-bdiewa kienu jaħsbu minn qabel u jmorru għand il-bajjada u jqabbduhom biex almenu sal-festa jbajdulhom il-faċċata tad-dar u ġie li wkoll xi kmamar ta' ġewwa. Meta kien jasal il-waqt li jkun jista' jbajjad, ilesti l-affarijiet li jkollu bżonn għat-tibjid u jerħilha għal għand min ikun ordna x-xogħol.

## Tazzi taż-żejt

Fi żmien antik li ma niftakrux jien, imma minn xi tagħrif li rnexxieli nkun naf, u li jien qiegħed ngħidu hawn permezz ta' dan l-artiklu, kienu jkunu bil-pika min isebbaħ u jdawwal il-faċċata tad-dar tiegħu bit-tazzi taż-żejt. Fi żmien il-festa tax-xitwa kien hawn xi nies mir-raħal bħal Salvu Camilleri (Swafa) u ieħor bejjiegħ tal-laħam li kellu l-ħanut quddiem in-Nutar Said, u kien jiġi raġel Żebbuġi li kienu jgħidulu tat-tazzi, dawn kienu jduru dawra mar-raħal biex jaraw min ikun irid jagħmel xi tazzi taż-żejt mal-blata tal-bieb jew inkella mal-faċċata. Bi grampun u ftit imsiemer kienu jdaħħlu t-tazzi ġo fihom. Kien fihom għaxqa li tara mijiet ta' tazzi ta' kull kulur bi ftila taż-żejt fihom ipetptu fid-dalma tal-lejl. Meta mbagħad kienet tagħmel ix-xita kien jintefa kollox. Imbagħad dawn l-istess nies wara l-festa jiġu jaqilgħu kollox. Meta daħal id-dawl elettriku l-listi ta' l-injam bil-bozoz ħadu post it-tazzi taż-żejt imsemmijin aktar 'il fuq.

Ħafna mill-bdiewa kienu nies li jħobbu l-Knisja u li għalihom kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox. Qabel jibdew ix-xogħol tar-raba' kienu jmorru għall-quddiesa ta' l-ewwel li kienet tkun fl-erbgħa ta' filgħodu, u wara jmorru lura lejn id-dar biex jieħdu skutella kafè.

## Libsa ġdida għall-festa

Il-bdiewa kienu jaħsbu minn qabel biex ifaddlu xi ħaġa għal jum il-festa tant għażiża għalihom. Kienu jfaddlu biex ikunu jistgħu jilbsu huma u uliedhom. Dan ix-xogħol kien isir billi kienu jmorru għand il-ħajjata biex iħallu l-post biex iħitulhom. Fis-Siġġiewi kellna diversi ħajjata, bħal Katarin Vassallo ta' Pantalew (igħidu li kienet il-prima tar-raħal). Kienet iżżewġet lit-tabib Daniel Galea. Oħrajn kienu Marianna u Sunta ta' Gajjes, u lil Anġla u Marianna Cachia tal-Brimbu. Wara xi żmien il-ħajjata kienu jibagħtu għalihom biex imorru jfasslu l-ħwejjeġ. Kien żmien ta' tqanċiċ u ma kinux jistgħu jaffordjaw għal kuljum. Kien hemm xi wħud li kienu jagħmlu huma stess ċertu ħwejjeġ bħal tas-sarġ iswed bil-maħluġ permezz tas-suf tan-ngħaġ, flokkijiet, kabozzi tas-suf biex jilbsuhom bħala kowt jew inkella meta tqattar ix-xita li dak iż-żmien sfrattat kemm il-festa.

## It-Tlitt ijiem tat-Tridu

Fit-tliet ijiem tat-tridijiet, wara ġurnata xogħol kienu jibagħtu lil uliedhom il-knisja biex iżommulhom is-siġġu li kienu jħallsu għalih tliet ħabbiet (milleżmu). Kienu jisimgħu t-tridijiet, bil-kurunella u bid-daqq tal-mużika. Wara l-funzjoni erħilhom bejniethom jinġabru gaj gaj bid-dehra ta' wiċċhom somor somor u bit-tbissima fuq xofftejhom fuq iz-zuntier u mal-ġnub tal-Knisja, u jfaħħru lill-predikattur li jkun niseġ tant tajjeb il-ħajja ta' San Nikola. Imbagħad ukoll jibdew iħarsu lejn it-temp u jibdew ibassru x'sa jkun, hux sa jagħmel it-tjieb, jekk jiġux nies għall-festa. Mal-ġenb tal-knisja kienu jagħmlu l-maskli jew murtali, l-maskli kienu qishom buqar żgħir bil-widna fil-ġenb, u kellha toqba fin-nofs, u toqba oħra iżgħar fil-ġenb biex tgħaddi n-niċċa minnha, u kien ikun hemm Salvu Cassar iz-zozz, jew xi ħadd minn tas-silla, (kien hemm nies oħrajn ukoll) u kienu jkunu sparati minnhom.

## Lejlet il-Festa

Il-bidwi minħabba x-xogħol li kien jilħaqlu fi żmien il-festa, lejlitha kien ikollu jaħdem sa nofs inhar, fir-raba'. Imbagħad kien imur id-dar jinħasel u jmur iqerr u joqgħod għat-Traslazzjoni ta' Lejlet il-Festa. M'għandniex xi ngħidu li wara t-Traslazzjoni l-bdiewa kienu jiġabru d-dar għall-ikla ta' fil-għaxija, sabiex wara kienu jiġbru l-uliedhom biex flimkien imorru jaraw il-logħob tan-nar ta' l-ajru, u għall-ġiġġifogu li għalih id-dilettanti Siġġiwin kienu minn dejjem imsemmija. Dak iż-żmien fir-raħal kien hawn żewġ partiti tan-nar, il-partit ta' Kajin u l-partit tal-ġidra, dawn kienu jagħmlu fuq l-antarjola ġidra (għalhekk jgħidulhom hekk). Dawn kienu bil-pika min jagħmel l-aħjar logħob tan-nar. Kienu jarmaw fejn il-Knisja ta' San Ġwann, u l-ieħor ħdejn il-Knisja

ta'Ċwerra, dawn magħhom kellhom xi bdiewa li kienu jaħdmu fix-xogħol tal-logħob tan-nar.

## Nhar il-Festa

Nhar il-Festa filgħodu kien isir il-Matutin, u f'xi d-disgħa l-Knisja kienet tkun maħnuqa bin-nies jisimgħu l-quddiesa bil-paniġierku.

Għall-ikla ta' nofs inhar kien hemm min minnhom jistiednu għall-ikel l-aħwa ta' l-omm kif ukoll tal-missier. Mart il-bidwi kienet tipprepara mill-aħjar li tista' din l-ikla tal-festa speċjali ta' darba fis-sena. L-ewwel platt kien ikun spagetti jew imqarrun fil-forn, jew brodu tat-tiġieġ u għat-tfal bil-bajda miegħu. It-tieni platt kien ikun fenek stuffat bil-laħam tal-majjal imqatta' miegħu (dak iż-żmien fenek kien stmat ħafna) tiġieġ, laħam. Fl-aħħar kien ikollhom ukoll xi torta tal-bajd u l-ġobon u xi biċċa suflè jew frott. Bħala xorb kienu jixorbu l-inbid li jkunu għamlu huma jew inkella ta-xiri.

Għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar il-bidwi flimkien mal-familja kien joħroġ għall-marċ ta' qabel il-purċissjoni, biex imbagħad wara jmur u jilbes fratell fil-purċissjoni. Minn dejjem kienu bil-briju, kienu jiltaqgħu xi tlieta minn nies bi flixkun aniżetta li dak iż-żmien kien jiswa' xelin (5c) u jibdew ilegilgu waqt il-marċ. Kulħadd jgħajjat "Viva s-Sei", "Viva l-Kbir".Kien hemm min minnhom kien ikollu xi trikitrakki (ftit provli ġo karta) u jixħtuhom fl-art biex jintifsu u wara kienu jfaqqgħu.

## Kulħadd għall-purċissjoni

Imbagħad filgħaxija kienet karatteristika tal-bdiewa illi jilbsu fratelli bil-konfratija sabiex jieħdu sehem fil-purċissjoni. Bla dubju ta' xejn kont tara lill-mara tad-dar b'uliedha żgħar magħha, u kienet tmur fil-misraħ sabiex tara l-purċissjoni ta' San Nikola. Kien ikun hemm ukoll xi tifel żgħir imur jiġri għal fejn in-nannu li jkun-liebes il-konfratija. In-nannu b'id waħda jżomm ix-xemgħa u bl-oħra jmelles xagħar it-tifel, wara t-tifel kollu ferħan imur fejn ommu. Kienet drawwa wkoll li l-mara akkumpanjata minn żewgha li ma jkunx libes il-konfratija jilbes il-polka sabiħa tad-deheb li tkun għaddejha minn but għall-ieħor tas-sidrija, u martu wkoll liebsa l-għonnella wieqfa ta' l-ifjen ħarir, armata bid-deheb fuq sidirha li tkun hadet dota minn għand il-ġenituri tagħha huma jmorru fil-misraħ biex jaraw il-purċissjoni. It-tfajliet kienu huma wkoll jilbsu l-għonnella u lbies tal-pastell roża jew ċelesti, bil-barbazzalli jew bil-ġiżirani bl-imsielet, labar tal-fossa je bil-gamew u bil-brazzuletti ċapep illi n-nisa u t-tfajliet kont taħsibhom xi vetrina deheb. Kien hemm ukoll xi nisa li kienu jilbsu l-boa (ġilda bis-suf ta' xi annimal) madwar għonqhom għas-sbuħija u għas-sħana.

Kienet id-drawwa wkoll ta' dawk li jilbsu l-konfratija li jmorru fil-ħwienet tal-qatra jew tax-xorb u jixorbu xi grokk rum jew aniżetta. Il-pjazza kienet tkun mimlija bil-bejjiegħa tal-qubbajt. Hawn ta' min igħid li l-bejjiegħa tal-qubbajt kienu jużaw u jgeżwru biċċa serratizz forma ta' turrun tal-qubajt, u ma kinitx l-ewwel darba li xi tifel jisraq wieħed minnhom, kollu ferħan imur jiġri lejn il-Qajjied u jiftaħha u flok qubbajt isib biċċa njama. Dak iż-żmien ukoll kien hawn xi bejjiegħa tal-pudina. Wieħed minn dawn il-bejjiegħa tal-pudina kien ċertu Ġużeppi (Ġiżirani) li kien ibigħ jew bil-logħob taċ-ċippitatu. Ħafna tfal kienu jiffullaw madwar it-tilari biex jilagħbu biċ-ċippitatu, li kienu jdawru n-numru mill-wieħed sal-għaxra, jekk kien jiġi n-numru jirbħu u jekk ma jiġix jitilfu. Il-flus li kienu jitilfu kien ta' tliet ħabbiet jew sitt ħabbiet. Bi tliet ħabbiet kienu jirbħu erba' biċċiet qubbajt jew pudina, b'sitt ħabbiet (2 milleżmi) tmien biċċiet qubbajt.

Għall-festa kienu jiġu ħafna nies, speċjalment żgħażagħ ta' rħula oħra, u ġie li wkoll laqqa' żgħażagħ flimkien.

Riferenzi:
*Rajt Malta Tinbidel* - It-Tieni Ktieb ta' Herbert Ganado. Irroddukoll ħajr lil dawk kollha l-aktar anzjani, li tawni ħafna informazzjoni li ġbart f'dan l-artiklu.

**Nixtri l-ANTIKITÀ**

**Nixtieq nixtri għamara antika ta' kull xorta, fi kwalunkwè kundizzjoni, anke ta' l-abjad jew biż-żebgħa, Gradenzi ta' żebbuġ jew ta' l-istilla, jew ta' salib jew xorta oħra anke b'ħafna ħsara, arloġġi, kotba, deheb, ħġieġ u porċellana, figorini, pittura, fuħħar, oġġetti reliġjużi, gandlieri ta' l-injam, kwadri, u kull xorta ta' oġġetti oħra antiki. Lesti li nbattal djar sħaħ u fejn ikun il-każ lest li nħallas is-sansarija.**

**Ċemplu fuq: 43 61 17 jew 69 78 77**